# Beati u Qaddisin...Gunju

## SAN TUMAS MORE

### 22 ta' Gunju



San Tumas More kien iben magistrat u bil-mod il-mod lahaq avukat ta' fama kbira. Kien ukoll amministratur tal-gustizzja gewwa l-belt u membru parlamentari. Huwa kien mizzewweg li Jane Colt u minnha kellu tlett itfal bniet u tifel wiehed. Meta armel, wara l-mewt ta' martu Jane, huwa zzewweg lil Alice Middleton.

Studja gewwa Oxford il-klassici antiki u kien jiddiskutihom ma' Erasmu ta' Rotterdam li kien spiss mistieden f'daru. Huwa kiteb il-famuz ktieb UTOPIA li baqa' maghruf ghalih. Fuq kollox hu kien jghix verament

il-fidi nisranija tieghu. Ma kienx xi qasba tixxejjer mar-rih fil-principji nsara tieghu.

Ir-re Enriku ta' l-Ingilterra spiss kien jikkonsultah u jafdalu missjonijiet esteri. Fih kien jara alleat sincier. Fis-sena 1529 ir-re hatru kancillier ta' l-Ingilterra.  Post stmat hafna izda perikoluz ukoll.

Kien fi zmien il-famuza krizi:  Enriku kecca' lil martu Katarina d'Aragona u zzewweg lil Anna Bolena u fired il-knisja ta' l-Ingilterrra minn Ruma. Huwa imbaghad ipproklama ruhu kap tal-knisja ta' l-Ingilterra.  Ghal Tumas dan kien ifisser inkwiet kbir billi huwa kien nisrani awtentiku u ma ried qatt jichad il-papa, kap tal-knisja kattolika li huwa kien ghadu jqis ruhu bhala membru taghha. Il-fidi tieghu kienet timpedilu li jaghraf id-divorzju tar- re minn martu biex jizzewweg lil Anna Bolena u jaccetta s-supremazija tar-re fi hwejjeg tal-fidi.

Minkejja li kien ser jitlef postu u jaf li kien sejjer ghall-mewt Tumas More baqa'  sod fil-fidi tieghu. Meta kien arrestat fit-Torri ta' Londra kien jaghmel kuragg lil familjari tieghu u fost il-kitbiet tieghu mill-habs lill-habibu Antonio Bonvisi qallu hekk: " Habib iktar minn kull haga ohra nixtieqlek li Kristu jitfa' l-barka tieghu fuq il-familja tieghek."

Bonvisi baghtlu ikel u imbid u anke libsa gdida ghall- esekuzzjoni tieghu izda ma hallewx jilbisha. Fuq il-palk fejn kellhom jaqtghulhu rasu  ta munita tad-deheb lill-bojja tieghu u ghajjat biex jisimghu kulhadd: " Ser immut sudditu fidil tar-re izda fuq kollox lejn Alla."

Kien il-Papa Piju XI fis-sena 1931 li ghamlu qaddis ma' John Fisher isqof ta' Rochester li ukoll giet maqtugha rasu ghal l-istess raguni. Il-Knisja kattolika taghmel it-tifkira ta' dawn iz-zewg qaddisin fl-istess jum."